IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 31

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar **It-Tlieta 23 ta' Marzu 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**31.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

31.1.1 Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi-Sindku Christopher Cassar fejn talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħgol. Apoloġija approvata.

**31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

31.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 30 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**31.3 Korrispondenza**

31.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lis-Sinjura Antonella Galea, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Xlokk, sabiex fil-laqgħa tar-Reġjun, tkun approvata l-espressjoni ta' interess li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jissottometti fir-rigward tal-iskema ***SPI/SCI/8/2020*** **: Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022**. Din il-korrispondenza intbagħtet peress li fl-applikazzjoni hemm mitlub estratt tal-minuti tal-kunsill tar-Reġjun Xlokk fejn ġiet approvata din l-applikazzjoni mir-reġjun.

31.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lis-Sinjura Josianne Cassar dwar il-proċess tad-devoluzzjoni taż-żewġt ikmamar f'Couvre Porte li l-Fondazzjoni Wirt Artna aċċettat li tgħaddi lill-Kunsill Lokali tal-Birgu. F'din il-korrispondenza, s-Sindku talab biex jitwaqqaf il-proċess ta' devoluzzjoni taż-żona fejn kien hemm qabel l-oil tanking f'Sally Port u jissokta l-proċess tad-devoluzzjoni tal-kmamar ta' Couvre Porte.

31.3.3 Preżentata korrispondenza mis-Sur Mitja Bukovec dwar il-proġett *European Network for Social Enterprising* sabiex jistaqsi lill-Kunsill Lokali tal-Birgu hux interessat li jkun parti minn dan il-proġett. Is-Sindku qal li għal dan il-proġett, il-kunsill wera l-interess. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

31.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lill-Arċipriet tal-Parroċċa biex jinfurmah dwar il-bieb tal-ġenb taċ-Ċimiterju tal-Parroċċa li jinsab imkisser. Barra minn hekk, is-Sindku bgħat ukoll ritratti taċ-Ċimiterju wara

tindifa u żabra tas-siġar li jinsabu fiċ-ċimiterju stess, liema xogħol sar mill-Kunsill Lokali tal-Birgu senza interessi bħalma dejjem sar għal dawn l-aħħar snin.

31.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'risposta għall-ittra mibgħuta mis-Sindku dwar il-problema tal-parkeġġi tal-muturi fejn diversi residenti qed jipparkjaw il-mutur f'parkeġġ għall-karozzi sabiex iżommu parkeġġ 'riservat' għall-karozza tagħhom. Is-Sur Fava spjega li bħalissa għaddejt studju dawar erbgħa u għoxrin suġġett li l-parkeġġ huwa wieħed minnhom.

31.3.6 Preżentata korrispondenza mis-Sinjura Angela Psaila dwar skema biex is-Sur Rowan Craus, li kien qed jagħmel xogħol temporanju bħala skrivan fil-Kunsill Lokali tal-Birgu, jibqa' jaħdem mal-kunsill wara x-xewqa tas-Sur Craus. Is-Sindku qal li bħalissa diġà għandna biżżejjed staff klerikali u għaldaqstant mhux lok li l-kunsill joħroġ aktar spejjeż għal ħaddiem ieħor. Il-kunsilliera qablu unanimament ma' dan is-suġġeriment.

31.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Awtoritá tal-Ippjanar dwar oġġetti mitluqin taħt il-Forti ta' Sant'Anġlu fejn infurmaw lill-kunsill li tali rapport diġà wasal għand l-Awtorità.

31.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Rodnick Abdilla minn Transport Malta dwar il-mistoqsija li għamel il-kunsill lill-istess entità dwar jekk hemmx pjan li jsiru pontuni fiż-żona tat-Toqba la darba l-proġett ta' Triq il-Piccolo Soccorso (Sally Port) ikun lest. Is-Sur Abdilla qal li m'hemm l-ebda pjan għal pontuni imma re-organizazzjoni tat-taħwid tal-mażri li hemm sabiex jinżamm il-buon ordni ankè fil-baħar, minn Transport Malta.

31.3.9 Preżentata korrispondenza u dokumentazzjoni mibgħuta mill-Perit Claude Mangion dwar il-bidla tal-arkitett għall-Proġett tal-Maħżen tar-Regatta liema proġett se jsir fuq il-pjanti li kien issottometta l-Kunsill Lokali tal-Birgu u approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar ftit tas-snin ilu.

31.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Moviment Kerygma sabiex jek jixtieq, il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jinnomina żagħżugħ għall-'Premju Żagħżugħ tas-Sena' 2020. Il-kunsill ma sab ebda persuna għal din in-nominazzjoni.

31.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Kap tal-iskola Primarja Santu Rokku tal-Birgu sabiex jinfurma li l-kunsill mela' l-formola u ħallas il-membership għall-Eko-Skola għas-sena skolastika li jmiss.

31.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Etienne Zahra, segretarju tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Kalkara sabiex fi tlett ijiem differenti matul il-ġranet tal-Festa ta' San Ġużepp tal-Kalkara, dejjem jekk il-festi jsiru, ikunu jistgħu jisparaw logħob tan-nar miż-żona fejn qabel kien hemm l-Oil Tanking fi Triq il-Piccolo Soccorso, it-Toqba. Is-Sindku qal li dan mhux se jkun possibli peress li f'dik iż-żona ser jitneħħa kollox u se jkun hemm xi containers relatati mal-proġett tat-Toqba.

31.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ivan Scicluna dwar stima tal-ispejjeż kollha sabiex il-ħajt fi Triq il-Mandraġġ li jiġi taħt is-sur li jagħti għal fuq it-Toqba, isir proġett ta' *Green Wall*. L-istima tal-ispejjeż kollha kienet ta' €187,235.00, liema spiża hija wisq għall-fondi tal-kunsill u barra minn hekk, tali proġett ikun irid isir billi jinħareġ tender kif stipulat mil-liġi. Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li hemm xi skema mill-Ministru tal-Ambjent dwar inizjattivi bħal dawn u għaldaqstant kellu jiċċekja dwar dan.

31.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex tkun nominata persuna mill-kunsilliera biex iservi ta' president tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja tal-lokalità. Is-Sindku staqsa jekk xi ħadd mill-kunsilliera hux interessat iżda ħadd ma wera interess u għalhekk ġie deċiż unanimament li jinħatar is-Sindku.

31.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Lianne Cassar mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-kunsill huwa mitlub jindika ħames żoni fejn jistgħu jitwaħħlu *charging pillars* għall-karozzi tal-elettriku. Il-kunsilliera qablu li dawn ikunu hekk; waħda l-Pjazza, Triq il-Mandraġġ, Triq it-Torri ta' San Ġwann, Triq La Vallete (qrib is-Simenta) u waħda Triq il-Ħabs l-Antik tal-Gvernatur.

31.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Lianne Cassar mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Ċirkulari AKL 2021/020 *AKL Webinar - Supporting Children & Youths within our localities.* Is-Sindku qal li s-Sinjura Rita Micallef se tkun tirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tal-Birgu f'dan il-webinar.

**31.4 Applikazzjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031**

31.4.1 Is-Sindku ressaq għall-aprovazzjoni l-applikazzajoni għall-espressjoni ta' interess għall-kanditatura għall-għoti tat-titlu ta' Kapitlai Ewropea tal-Kultura 2031 lil Belt Vittoriosa. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-applikazzjoni.

**31.5 Applikazzjoni għall-Fondi – Proġetti fil-Komunità mil-LESA**

31.5.1 Is-Sindku John Boxall preżenta korrispondenza mibgħuta mis-Sur Svetlick Flores mill-Aġenzija LESA dwar fondi biex jintużaw fi proġetti fil-komunità fejn kull kunsill se jingħata sa mhux aktar minn tmenin fil-mija (80%) ta' proġett sa massimu ta' tmenin elf Ewro (€80,000) għal kull proġett. Is-Sindku qal li x-xogħol ta' tisbiħ permezz tal-Imprint Concrete jaqa' taħt din l-iskema.

31.5.2 Is-Sindku qal li permezz ta' dawn il-fondi jista' jsir il-bejt (belvedere) ta' fuq il-garaxx tal-kunsill f'Fuq tal-Ħawli u parti minn Triq il-Ħabs l-Antik fejn apparti imprint concrete, jinbidlu il-bankijiet, isir ħadid ġdid u jiġu installi bins ġodda. B'hekk ikunu saru żewġ żoni f'proġett wieħed. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' dawn il-proposti.

**31.6 Aġġornament tar-restawr fil-Berġa ta' Franza**

31.6.1 Is-Sindku qal li miexi sew ix-xogħol fil-Berġa ta' Franza fil-parti ta' fuq qabel tidħol għas-sala l-kbira u t-taraġ kollu tal-berġa. Is-Sindku qal li nbgħatet korrispondenza lis-Sur John Grima, Kap tas-Segretarjat tal-Ministru tat-Turiżmu b'talba biex l-Awtorità tat-Turiżmu tiffinanzja parti mir-restawr li fadal fil-Berġa ta' Franza, liema talba ġiet aċċettata b'approvazzjoni tal-Ministru l-Onor. Clayton Bartolo.

31.6.2 Is-Sindku wera lill-kunsilliera artistic impression ta' kif huwa maħsub li ġej id-dawl fl-entratura ta' qabel is-sala prinċipali. Barra minn hekk, spejga kif ser jitqassmu l-fondi li ġew mitluba lill-Ministru tat-Turiżmu sabiex ir-restawr tal-berġa ikun jista' jitlesta.

31.6.3 Is-Sindku qal li issa jmiss żewġ proġetti oħra, wieħed ix-xogħol fuq il-liquid membrane għas-saqaf tal-berġa u l-ispiża tal-panelli li għalihom diġà nħareġ il-permess u li issa jonqos li joħroġ it-tender għal dan il-proġett.

**31.7 Sistema ta' ġbir u immaniġjar tal-iskart**

31.7.1 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li ma kienx possibli li jattendi għal-laqgħa dwar l-immaniġjar tal-iskart li kienet organizzat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan is-suġġett, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**31.8 Sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv**

31.8.1 Preżentata Direttiva 1/2021 mibgħuta mill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali. Din id-direttiva tagħti l-lok biex dawn il-kunsilli jaħtru s-Segretarju Eżekuttiv minn sejħa li tkun miftuħa għall-pubbliku u ma tkunx limitata l-għażla mill-pool biss. Is-Sindku qal li b'dan il-mod, issa tista' tinħareġ is-sejħa sabiex jiġi ngaġġat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Fis-19:30pm il-Kunsillier Jason Portelli talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol u għalhekk ħareġ mil-laqgħa.

**31.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

31.9.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill l-applikazzjoni dwar **Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022** (SPI/SCI/4/2020). Is-Sindku qal li l-kunsill jista' jingħata sa massimu ta' mitejn elf Ewro (€200,000) għall-ispejjeż sabiex issiru l-attivitajiet kollha matul is-sena, biss il-kunsill, bl-għajnuna tar-Reġjun Xlokk, irid joħroġ għaxra fil-mija (10%) tas-somma globali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv elenka programm sħiħ ta' attivitajiet għas-sena kollha, b'budget approssimattiv għal kull attività li permezz t'hekk il-kunsill ma jkollux għalfejn jagħmel spejjeż addizzjonali. Dawn l-attivitajiet kienu mfassla bil-kollaborazzjoni tal-kuraturi ta' Heritage Malta u b'ideat tal-Viċi-Sindku Christopher Cassar, is-Sur Gorg Agius u s-Sur Noel Castillo. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-applikazzjoni u approvawha sabiex tkun sottomeessa.

31.9.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill l-applikazzjoni dwar **Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021** (SPI/SCI/8/2020) għall-attività annwali tal-Birgufest li ssir fit-tieni tmiem il-ġimgħa ta' Ottubru. Is-Sindku qal li l-kunsill jista' jingħata sa ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-ispejjeż b'rabta ma' din l-attivitá filwaqt li l-kunsill huwa obbligat li jiffinanzja l-bilanċ. Is-Sindku qal li f'każ li ma jinġabrux donazzjonijiet daqs issoltu, il-Kunsill irid jiffinanzja il-kumplament tal-ispejjeż mill-fondi tal-kunsill stess. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-applikazzjoni u l-punti li elenka s-Sindku.

31.9.3 Is-Sindku qal li l-kaxxa s-safra fi Triq l-10 ta' Awwissu tista' titneħħa u minflok issir bajda. Il-Kunsillier Anton Gellel qal li jkun tajjeb li jerġgħu jsiru mill-ġdid l-ispazji u l-linji tal-parkeġġ mill-platform tal-ħanut D Centre sa kantuniera ma' Triq l-10 ta' Awwissu 258 peress li l-ewwel parkeġġ ta' mal-platform qed

jintilef minħabba nuqqas ta' spazju. B'hekk il-parkeġġi jibdew kif suppost mal-platform sal-kantuniera msemmija fejn fit-tarf tibqa' kaxxa safra għall-persuni b'diżabililtà u spazju għall-muturi. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu unanimament.

31.9.4 Is-Sindku avża lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li meta tittella' xi post fuq il-mezzi soċjali tal-Kunsill, fosthom Facebook, għandhom jiġu ttegjati l-kunsilliera wkoll sabiex ikunu notifikati mill-ewwel b'dak li jkun qed jittella' fil-paġna tal-kunsill.

31.9.4 Is-Sindku qal li għandu jinfetaħ kont bankarju separata minn dak li tidħol fih l-allokazzjoni sabiex f'dan il-kont jidħlu d-donazzjonijiet li jinġabru u jidħlu wkoll il-flus tal-permessi ta' scaffoldings, skips, eċċ. B'hekk ikun hemm distinzzjoni bejn il-fond tal-kunsill tal-allokazzjoni u l-fond ta' donazzjonijiet li jinġabru. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

31.9.5 Is-Sindku qal li avviċina lis-Sur Chris Reed, li bħalissa jieħu ħsieb il-manutenzzjoni u ħsarat tad-dawl fil-parti l-antika tas-sistema tad-dawl tal-Birgu, sabiex jibda jieħu ħsieb il-manutenzzjoni tas-sistema l-ġdida tad-dawl tat-toroq wara li ġew approvati fondi mid-Dipartiment tar-Restawr biex dawn il-ħsarat ikun jistgħu jitranġaw. Mill-banda l-oħra, is-Sur Dylan Portelli ser ikun qed jieħu ħsieb li jagħmel tiswijiet fil-ħsarat li hemm fid-dawl fuq postijiet storiċi, Couvre Porte, il-Foss u fuq is-swar kollha madwar il-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**31.10 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 23** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5904** sa **BOV 5922** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***.  Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**31.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 14 ta` April 2021 fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5:45pm).

Konfermati llum: **14 ta' April 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |